Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 46 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Christabelle Chetcuti

Vs

Ahmad Abu Hassan

Illum 28 ta' Mejju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat, Ahmad Abu Hassan, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-7 ta' Jannar, 2017, ghal habta ta' 14:15hrs bil-vettura GBV961 ġewwa TRIQ VILLABATE ZABBAR/JEW FILVICINANZI, GZEJJER MALTIN

1. B`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolament ikkagunajt feriti ta` natura gravi skond ma` ccertifika DR.C.GIORDAMAINA MED REG:3584 (Kap 9, Artiklu 225, 226(1))
2. Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1))
3. Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs,

tad-demm jew tal-urina tkun izjed mill-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15B (1))

4. Meta kont involut f`incident tat-traffiku, li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra jew giet kkagunata hsara lil xi vettura, annimal jew proprjeta ohra, nqast li tieqaf u taghti l-isem u l-indirizz tieghek, u/jew informazzjoni tas-sid tal-vettura, d-dettalji tal-assiguratur kif ukoll il-marka ta` registrazzjoni tal-vettura lill-ufficjal tal-Pulizija, Gwardjan Lokali jew lil persuna li jkollha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk (LS 65.11 Artiklu 67 (1))
5. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))
6. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont (Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2))
7. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))
8. Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, eccedejt il-limitu ta` velocita (L.S. 65.11 Artiklu 127)

Il-Qorti hija mitluba li tordna l-konfiska bhala parti formanti mill-Corpus Delictus ai termini tal-Art 23 tal-Kap 9, tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta` JAMES MIFSUD jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku skond il-provedimenti tal-Art 383 u 412 C Kap 9, l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-Licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta` zmien li l-Qorti jidrilha xieraq u titratta ma l-imputat bhala recediv ai termini tal-Art 49, 50 tal-Kap 9, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez

li ghandhom x`jaqsmu mal-hatra ta` l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Art 533 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-29 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 28 A, 28 G, 30 (2), 218 u 226 (1) (a) u (b) tal-Kap 9, l-Artikoli 15 (1) (a), 15 (2), 15 (3), 15 A (1), 15 B (1) tal-Kap 65, Artikolu 67 (1) u 127 tal-LS 65.11.

Ghall-ewwel akkuza ikkundannat lill-akkuzat ghal piena ta' prigunerija ta' sena sospizi ghal erbgha snin bis-sahha tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 kif ukoll taghmel ordni ta' supervizjoni fuq l-akkkuzat a tenur tal-Artikolu 28 G ghall-perjodu ta' tlett snin;

Ghat-tieni, tielet, raba', hames u sitt akkuza, ikkundannah multa komplessiva ta' tlett elef u sitt mitt Euro (€3,600) pagabbli ratealment fuq medda ta' 36 xahar mill-1 ta' Marzu 2019.

Peress illi għalhekk l-akkużi kif imressqa jirriżultaw ippruvati. Sabet lill-akkużat ħati ta' l-akkużi miġjuba kontra tiegħu u immultatu multa ta' €3,600.00 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fil-1 ta' Marzu 2019, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufiħ u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor.

In vista tal-fatt illi l-akkuzat ghandu bzonn il-licenzja ghall-ghijxien tieghu u sabiex ikun jista jhallas il-multa lilu inflitta, il-Qorti, ghal din id-darba biss, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 30 (2) tal-Kap 9, ma tissospendilux il-licenzja tas-sewqan.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonferma l-ħtija fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha;

2. Tikkonferma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena fejn il-Qorti infliggiet sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' sena, sospizi ghal erba' snin, ordni ta' supervizjoni fuq l-appellat u multa kumplessiva ta' tlett elef u sitt mitt (3,600) euro; u

3. Thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena u precizament il-parti tas-sentenza fejn l-imputat ma giex skwalifikat mill-licenza tas-sewqan u

tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena li hija skond il-liġi u kif ukoll adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

Illi fil-erba' (4) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi meta nfliġġiet il-piena fil-konfront tal-appellat;

Illi fil-umli fehma tal-esponent l-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tissospendi l-licenza tas-sewqan tal-hati minkejja l-fatt li d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 15 (2), (3) u 15H (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li s-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan hija wahda tassattiva u mhux diskrezzjonali;

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti iċċitat l-Artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

'*Kull persuna li minħabba li tkun instabet ħatja taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, jew tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talba ta' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha wara li tkun instabet ħatja, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba:*' (sottolinjar tal-esponent)

Illi fl-ewwel lok l-esponent umilment jirrileva lil din l-Onorabbli Qorti li l-Artikolu 30(2) appena citat jista jigi nvokat biss wara li effettivament tkun giet imposta l-

iskwalifika tal-licenza u jkun hemm sentenza li tkun giet res judicata, u mhux qabel ma tigi imposta skwalifika tassattiva;

Illi din il-konkluzjoni umli tal-esponent issir wara qari akkurat tal-artikolu appena citat u senjatament tal-frazijiet: 'tkun instabet ħatja… tkun skwalifikata milli żżomm jew tikseb… fuq talba ta' dik il-persuna… wara li tkun instabet ħatja… wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati… tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika';

Illi d-dicitura ta' dan l-artikolu huwa kollu indikattiv tal-fatt li l-artikolu jista jigi invokat biss wara li tkun giet imposta sospensjoni ta' warrant, licenza, permess jew awtorita, u mhux qabel, u ghalhekk fil-kaz odjern il-Qorti, bir-rispett, ghamlet interpretazzjoni zbaljata meta uzat l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ma tapplikax is-sospensjoni tal-licenza tas-sewqan li hija innifisha sospensjoni tassattiva;

Illi minghajr pregudizzju ghall-argument migjub fuq, l-esponenti huwa tal-umli fehma li l-Artiklolu 15(2) u (3) jesigu li s-sospensjoni tal-licenza hija wahda tassattiva u l-Qorti '*...għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur…*[1]' (sottolinjar tal-esponent) u dan f'kaz ta' sewqan ta' vettura bil-mutur b'traskuragni kbira jew b'mod perikoluz[2], hekk kif certament jirrizulta fil-kaz odjern;

Illi barra minn hekk u sussidjarjament, f'kaz ta' sewqan li ma huwiex bi traskuragni kbira jew perikoluz, il-Qorti hija xorta wahda mitluba li tissospendi l-licenzja tas-sewqan u dan kif ravvizat fil-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalhekk jindika l-insistenza cara tal-legislatur li f'kaz ta' htija taht l-artikolu 15 tal-istess Kapitolu, il-Qorti ma ghanda l-ebda ghazla hlief li tissospendi l-licenzja tas-sewqan;

[1] Ara artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta
[2] Ibid.

Illi in linea ma' dak premess, l-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jesigi li f'kaz ta' htija ghar-reat ta' sewqan taht l-influenza tax-xorb jew droga (senjatament l-artikoli 15A u 15B tal-istess Kapitolu) u hekk kif tirrizulta l-htija mill-kaz odjern, il-Qorti '*…għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur…*[3] ' (sottolinjar tal-esponent).

Illi fil-umli fehma tal-esponent dan l-artikolu mehud mal-artikolu 15(2) u 15(3) huwa raguni ohra ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti kella b'mod tassattiv tordna l-iskwalifika tal-licenza.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz quddiem din il-Qorti nhar l-4 ta' April 2019 .

Ikkunsidrat;

Ill in breve, l-akkuzat Ahmad Abu Hassan kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBV 961 gewwa Triq Villabate, Zabbar meta tela fuq il-bankina u tghajjar kemm lil James Mifsud kif ukoll lil kelb tieghu. Bhala rizultat tal-incident, il-kelb safa maqtul filwaqt li James Mifsud sofra griehi gravi[4] li setghu wasslu ghal mewt tieghu u li baqa jbaghti konsegwenzi rizultat tal-incident.

L-Ewwel Qorti sabet lill imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u filwaqt li imponiet piena kemm ta' sena prigunerija sospiza ghal erba' (4) snin, ordni ta' supervizjoni fuq l-akkuzat a tenur tal-artikolu 28G ghal perjodu ta' tlett (3) snin kif ukoll multa, hija applikat l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 u ddeciediet li kemm minhabba li l-akkuzat ghandu bzonn il-licenzja ghal ghixien tieghu kif ukoll sabiex ikun jista jhallas il-multa imposta fuqu, ma tissospendilux il-licenzja tas-sewqan. Kien ghal din l-ahhar raguni u cioe' l-fatt li l-Ewwel Qorti ma ssospenditx il-licenzja tas-sewqan tal-akkuzat, li l-Avukat Generali intavola dan l-appell.

---

[3] Ara artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Maltta.

[4] Skont kif iccertifikata mit-tabib Dr Chris Giordmaina a fol 38 u mmarkat bhala Dok CG1

Illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti f'li l-Ewwel Qorti naqset li tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-hati minkejja l-fatt li d-disposizzjonijiet tal-artikoli 15(2), (3) u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdu li ssospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan hija wahda tassattiva u mhux diskrezzjonali.

Dwar li l-Ewwel Qorti invokat l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, gie sottomess mill-Avukat Generali li dak l-artkolu setgha jigi invokat biss wara li effettivament tkun giet imposta l-iskwalifika tal-licenzja u jkun hemm sentenza li tkun giet res judicata u mhux qabel ma tigi imposta skwalifika tassattiva. Jissottometti li d-dicitura tal-artikolu jista jigi invokat biss wara li tkun giet imposta sospensjoni ta' warrant, licenzja, permess jew awtorita, u mhux qabel, u ghalhekk fil-kaz odjern il-Qorti skont l-Avukat Generali ghamlet interpretazzjoni zbaljata meta uzat l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ma tapplikax is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan li hija innifisha sospsensjoni tassattiva. Skont l-appellant Avukat Generali, is-sospensjoni tal-licenzja hija wahda tassattiva skont l-artikolu 15(2) u (3) f'kaz ta' sewqan b'traskuragni kbira jew b'mod perikoluz. Illi f'kaz ta' sewqan li ma huwiex bi traskuragni kbira jew perikoluz, il-Qorti hija xorta wahda mitluba li tissospendi l-licenzja tas-sewqan kif ravvizat fl-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalhekk jindika l-insistenza cara tal-legislatur li f'kaz ta' htija taht l-artikolu 15 tal-istess kapitolu, il-Qorti ma ghandha l-ebda ghazla hlief li tissospendi l-licenzja tas-sewqan.

L-Avukat Generali jissottometti wkoll li l-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jesigi li f'kaz ta' htija ghar-reat ta' sewqan taht l-influenza tax-xorb jew droga (senjatament l-artikoli 15A u 15B tal-istess Kapitolu), il-Qorti ghandha tiskwalifika lil hati milli jkollu jew jottjeni xi licenza tas-sewqan fil-kaz tal-ewwel kundanna ghal zmien ta' mhux anqas minn sitt xhur. Ghalhekk fil-fehma tal-appellant Avukat Generali, dan l-artikolu mehud mal-artikolu 15(2) u 15(3) huwa raguni ohra ghaliex l-ewweel Qorti kellha b'mod tassattiv tordna l-iskwalifika tal-licenzja.

L-akkuzat Ahmed Abu Hassan minn naha tieghu permezz tar-risposta tal-appell issottometta li quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm ammissjoni u li l-kwistjoni kienet biss ta' piena. Jissottometti li fil-guri hemm zewg fazijiet, il-fazi tad-dikjarazzjoni tal-htija meta tkun instabet hatja u l-fazi sussegwenti meta tigi applikata l-piena.

Jissottmetti li l-Magistrat ma nesiex dwar is-sospensjoni tal-licenzja imma kellu sottomissjonijiet, bil-pulizija prosekutur assistit sahansitra minn avukat li ghamlu sottomissjonijiet. L-akkuzat jaghmel referenza ghall-artikolu 520 li skont l-akkuzat jaghmel applikabbli diversi artikoli tal-Kodici tal-Kapitolu 12 fosthom dak li jinghad

fl-artikolu 520(1)(A) mill-artikolu 23 sa 30, fosthom l-artikolu 26 tal-Kapitolu 12, li skont l-akkuzat tfisser li talba trid issir lil Qorti tista' ssir anke seduta stante.

Skont l-akkuzat f'dan il-kaz partikulari wara li kien hemm id-dikjarazzjoni ta' htija saru s-sottomissjonijiet dwar il-piena u ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni li kellha tigi applikata sentenza sospiza. Barra s-sentenza sospiza kien hemm is-sottomissjonijiet minhabba s-sahha ta' mart l-appellat li gew esebiti certifikati taghha u l-problemi li ghandha anke biex tiehu hsieb l-uniku tifel taghhom li jiddependi fuq missieru u anke x-xoghol tal-appellat li huwa ta' furnar u jahdem bil-lejl u allura jkollu bzonn il-licenzja jekk se jahdem ghal familja.

Skont l-akkuzat dawn is-sottomissjonijiet jinkwadraw taht l-artikolu 26 tal-Kapitolu 12 rez ezegwibbli ghal Kodici Kriminali u huma validi wkoll ghal finijiet tal-artiklu 30(2) tal-Kapitolu 9. Skont l-akkuzat, saret it-talba u t-talba ntlaqghet li titnehha ssospenzjoni li kellha timponi l-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkuzat instab hati mill-Ewwel Qorti tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u cioe' li:

1. B`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolament ikkagunajt feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta' James Mifsud skond ma` ccertifika DR.C.GIORDAMAINA MED REG:3584 (Kap 9, Artiklu 225, 226(1))

2. Soqt jew ppruvajt issuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f`post pubbliku iehor waqt li ma kontx f`kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi (Kap 65 Artiklu 15A (1)) 3. Soqt jew ppruvajt ssuq, jew kellek kontroll ta` vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mill-limitu preskritt (Kap 65 Artiklu 15B (1))

4. Meta kont involut f`incident tat-traffiku, li kien jinvolvi offiza fuq persuna u cioe fuq James Mifsud jew giet kkagunata hsara lil xi vettura, annimal jew proprjeta ohra, nqast li tieqaf u taghti l-isem u l-indirizz tieghek, u/jew informazzjoni tas-sid tal-vettura, d-dettalji tal-assiguratur kif ukoll il-marka ta` registrazzjoni tal-vettura lill-ufficjal tal-Pulizija, Gwardjan Lokali jew lil persuna li jkollha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk (LS 65.11 Artiklu 67 (1))

5. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz (Kap 65 Artiklu 15 (1(a), 2))

6. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont (Kap 65 Artiklu 15 (1(a), 2))

7. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3))

8. Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, eccedejt il-limitu ta` velocita (L.S. 65.11 Artiklu 127)

Illi f'dak li si tratta il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat instab hati taht l-artikoli 15(1)(a), 15(2), 15(3), 15A(1) u 15B(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 67(1) u 127 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11.

L-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il- Qorti)

Stante li l-akkuzat instab hati taht l-artikolu 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ai fini ta' piena japplika l-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:

'*B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti* ***għandha*** *tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas*

*minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:*'

Ghalhekk jirrizulta li stante li l-akkuzat apparti li nstab hati ta' imputazzjonijiet rigwardanti sewqan b'mod perikoluz, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'velocita' li teccedi il-limitu, instab hati wkoll li saq meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u li saq jew kellu kontroll ta' vettura wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed mil-limitu preskritt, ghalhekk il-Qorti kienet obbligata b'mod tassattiv li tapplika apparti piena ohra, l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn sitt (6) xhur kif jikkontempla l-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Ewwel Qorti izda ikkunsidrat li '*In vista tal-fatt illi l-akkuzat ghandu bzonn il-licenzja ghall-ghijxien tieghu u sabiex ikun jista jhallas il-multa lilu inflitta, il-Qorti, ghal din id-darba biss, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 30 (2)tal-Kap 9, ma tissospendilux il-licenzja tassewqan.*'

Ikkunsidrat;

L-**artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Kull persuna li minħabba **li tkun instabet ħatja** taħt dan il-Kodiċi jew taħt xi liġi oħra, ikollha warrant, liċenza, permess jew awtorità miżmuma, **jew tkun skwalifikata** milli żżomm jew tikseb xi warrant, liċenza, permess jew awtorità, il-qorti tista', fuq talba ta' dik il-persuna, skont ma jidhrilha xieraq, wara li tieħu kont tal-kondotta tagħha, tal-imġieba tagħha wara li tkun instabet ħatja, tax-xorta tar-reat u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u kull ċirkostanza oħra tal-każ, u wara li tisma' lill-Pulizija fil-każ ta' talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jew lill-Avukat Ġenerali fil-każ ta' talba quddiem xi qorti oħra, jew tneħħi s-sospensjoni jew l-iskwalifika minn dik id-data li jogħġobha tiffissa jew tiċħad it-talba:*

*Iżda, meta talba taħt dan is-subartikolu tiġi miċħuda, ma tistax tiġi milqugħa talba oħra nfuq l-istess ħaġa jekk issir fi żmien tliet xhur mid-data taċ-ċaħda.*' (Emfazi u sottolinear mizjud)

Skont l-akkuzat, din it-talba setghet issir seduta stante gialadarba skont l-akkuzat kien hemm ammissjoni u gialadarba kien hemm sottomissjonijiet dwar il-piena u li skont l-akkuzat l-artikolu 520(1)(a) jrendi l-applikazzjoni tal-artikolu 26 tal-Kapitolu 12 applikabbli ghal proceduri kriminali u li ghalhekk it-talba setghet issir seduta

stante. Din il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li minn imkien mill-atti ma jirrizulta li l-akkuzat kien irregistra ammissjoni ghalkemm mis-sottomissjonijiet orali tal-Avukat difensur traskritti ta' quddiem l-Ewwel Qorti, kien hemm xi aspetti tal-kaz li l-Avukat difensur qal li l-akkuzat kien accetta u ohrajn li ma kienx. Jirrizulta ukoll li l-Avukat difensur kien anke tratta dwar il-piena u dwar ghala l-akkuzat jehtieg il-licenzja. Kienu anke gew prezentati provi rigwardanti d-disabilita' ta' Frances Vella kif ukoll prova li tikkonferma li l-akkuzat jahdem bhala furnar.

L-akkuzat fir-risposta tal-appell ghamel referenza ghall-artikolu 26 tal-Kapitolu 12 rez applikabbli ghal proceduri kriminali, li in sostenn ta' dan l-artikolu, l-akkuzat jissottometi li t-talba sabiex ma tigix sospiza l-licenzja setghet issir seduta stante.

Dan l-artikolu jaqra li:

'*Kull waħda mill-partijiet f'kawża, avukat jew prokuratur legali, illi jkunu jridu jitolbu provvediment lill-qorti, jistgħu jagħmlu dan sew waqt is-seduta kemm ukoll f'kull żmien ieħor; iżda, f'dan l-aħħar każ, it-talba għandha ssir bil-mezz tar-reġistratur.*'

Din il-Qorti izda ma taqbilx li dan l-artikolu 26 b'xi mod jew iehor ifisser li t-talba ai termini tal-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tista' ssir matul il-proceduri u cioe' qabel dawn inkunu konkluzi u qabel l-akkuzat ikun instab hati u jkun gie kkundannat is-sospensjoni tal-licenzja. Din il-Qorti hija tal-fehma li anke f'kaz fejn tkun giet registrata ammissjoni, dan l-artikolu u cioe' l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax japplika qabel jigu konkluzi l-proceduri u ghalhekk res judicata.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra ghalhekk taghmel referenza ghal gurisprudenza li ghamlet referenza ghall-applikazzjoni tal-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Anthony Grech'**[5] gie kkunsidrat li:

'Id-Difiża indikat li l-kompartament tal-appellant huwa wieħed eżemplari għax wara l-akkadut kien ikkopera mal-Pulizija u ħallas d-danni tal-arblu (Irċevuta Fol 4 tal-Proċess) u l-fedina penali tiegħu hija kompletament nadifa. Inoltre, fissret li tali

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru, 2018 (Appell Numru: 542/2015)

skwalifika hija serja għall-appellant minħabba l-fatt li xogħolu jinvolvi jsuq it-trukkijiet u tali skwalifika tista' tfisser ittelf ta' xogħol tiegħu.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni lli l-Artikolu 30 tal-Kap 9 ma jistax jigi invokat f'dan l-istadju tal- proceduri izda jista' jigi applikat wara li tkun instabet ħtija.

Għaldaqstant ikun għaqli li jsir uzu minn dan l-artikolu wara li s-sentenza tkun saret res judicata.'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Shawn Fenech'**[6] gie kkunsidrat:

*'lli finalment għal dak li jirrigwarda r-ragunijiet ipprospettati mill-appellant li b'xi mod għandhom jiggustifikaw it-tneħħija ta' din l-iskwalifika skont id-dettami tal-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9, jidher li din il-procedura ma tistax tigi nkorporata fl-iskop tal- appell u semmai kwalunkwe talba li ssir skont din id-disposizzjoni trid issir permezz ta' rikors wara l-għoti tas-sentenza finali u dan wara li l-istess Qorti tkun ħadet kont tal- imgieba u l-karattru tal-ħati wara li jkun instab ħati u cioe wara li hu jkun diga beda jiskonta is-sentenza imposta fuqu.'*

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali li l-Ewwel Qorti ma kelliex ghazla ghajr li tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-akkuzat. L-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'dak l-istadju.

Dan l-artikolu japplika wara li jkun hemm sejbien ta' htija u wara li l-licenzja tkun diga giet sospiza. Huwa wara dan, li l-hati jista' jaghmel talba quddiem dik il-Qorti li tkun ordnat is-sospensjoni sabiex wara li tiehu c-cirkostanzi kollha u tisma' lil Pulizija jew l-Avukat Generali skont quddiem liema Qorti ssir it-talba tnehhi s-sospensjoni jew tichad it-talba. Jekk it-talba tigi michuda, ma tistax tigi milqugha talba ohra fuq l-istess haga jekk issir fi zmien tlett (3) xhur mid-data tac-cahda.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tapplika l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'dak l-istadju sabiex ma tordnax l-iskwalifika tal-licenzja. La darba kienet qieghda ssib htija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-akkuzat, ma kellhiex

[6] 6 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Mejju, 2019 (Appell Numru: 253/2017)

triq ohra ghajr li tordna s-sospensjoni tal-licenzja. Jirrizulta li l-akkuzat matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti prezenta provi fosthom dokument a fol 233 mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali rigwardanti hlas ta' pensjoni ta' disabilita lil Frances Vella li l-Avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti spjega li hija mart l-akkuzat. Prezenta ukoll dokument a fol 234 li juri li l-akkuzat jahdem bhala 'baker' u cioe' furnar. Liema provi tressqu in sostenn tas-sottomissjoni rigwardanti l-htiega tal-licenzja tas-sewqan peress li l-Avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti spjega li l-akkuzat jahdem matul il-lejl.

Fil-fatt anke matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti l-akkuzat kien anke prezenta rikors a fol 10 sabiex il-Qorti tordna r-ritorn tal-vettura tieghu u l-Qorti kienet laqghet din it-talba.

Nonostante dan kollu, il-fatt li l-akkuzat jehtieg licenzja ta' sewqan ghall-impjieg tieghu ma tista' bl-ebda mod tintuza sabiex il-Qrati ma jimponux sospensjoni u ghalhekk imorru kontra d-dispost tal-ligi. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet: **'Il-Pulizija Vs Matthew Balzan'7** [7]fejn gie kkunsidrat li:

'*L-appellant argumenta ukoll illi llum jahdem ta' mekkanik ghal rasu u jekk tittiehed il-licenzja se taffetwa hazin ix-xoghol tieghu. Din il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ma jistax jintuza f'dawn ic-cirkostanzi meta s-sospenzjoni tal-licenzja hija wahda tassattiva.*

Filfatt fil-kawza **Il-Pulizija vs Paul Azzopardi** deciza fl-4 ta' Awwissu, 2006 intqal

*" Il-fatt illi d-driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu .... ma jintitulax lil din il-Qorti illi tmur kontra l-Ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellha taghmel hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi mmunita mill-kastig meta jinqabad isuq hazin."*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. S. Micallef) Vs Paul Azzopardi'8** [8]gie kkunsidrat:

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru, 2013 (Appell Numru: 266/2012)
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-4 ta' Awwissu, 2006 (Appell Kriminali Numru: 129/2006)

'*Illi skond l-artikolu 15H (1) (a) tal-Kap.65, min jinstab hati tar-reati li rrizultaw fil-konfront tal-appellant ikun soggett ghall-piena tal-multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltin (LM200) jew ghal prigunerija ghal mhux izjed minn tlitt xhur jew ghall-dik il-multa w prigunerija flimkien. Umbaghad is-subartikoilu (2) jiddisponi li b' zieda mall-piena il-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni licenzja tas- sewqan, fil-kaz tal-ewwel kundanna, ghal zmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur. Ghalhekk f' dan il-kaz giet applikata l-inqas multa possibbli skond il-ligi u l- Ewwel Qorti addirittura applikat period ta' sospensjoni inqas minn dak li kellha tapplika bil-ligi.* Dwar dan ma sarx appell mill-*Avukat Generali pero'. Ghalhekk il-piena zgur hija entro l-parametri legali f' dan I-kaz.*

*Illi umbaghad ghall-precizjoni jigi rilevat li, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors tal-appell, il- fedina penali tal-appellant mhux wahda netta, imma minnha jirrizulta li apparti li kien instab hati ta' korruzzjoni ta' tfajla minorenni, kien ukoll instab hati ta' ksur ta' l-ligijiet tat-traffiku darbtejn.*

*Finalment il-fatt li l-appellant jahdem bhala driver tal- containers ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l- ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunita' mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.*'

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Frans Micallef Spettur Spiridione Zammit Vs Mario Mifsud**[9]':

'*Filwaqt illi l-piena hija fakultattiva ghall-Qorti u ghandha parametri fuqxiex tiddeciedi, l-iskwalifika m'ghandhiex peress illi dina hija tassattiva li ma thalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti. L-unici parametri huma dawk dwar jekk il-kundanna kinitx l-ewwel darba jew ghal aktar minn darba, f'liema kaz l- iskwalifika tigi estiza skont il-kaz. F'dan il-kaz il-Qorti iddecidiet illi tmur ghal minimu u imponiet terminu ta' skwalifika ghal tlett (3) xhur.*'

Ikkunsidrat;

Gialadarba l-akkuzat kien misjub hati mhux biss talli saq vettura b'mod perikoluz, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u li ecceda il-limitu ta' velocita' izda li anke saq waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u li saq wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun izjed

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Ottubru, 2014 (Appell Kriminali Numru: 1/2014)

mill-limitu preskritt, il-minimu ta' perjodu ta' sospensjoni li l-Qorti setghet tordna ai termini tal-artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta kienet dik ta' sitt (6) xhur.

Din il-Qorti tenut kont tal-fedina penali netta tal-akkuzat u tac-cirkostanzi kollha tal-akkuzat migjuba quddiem l-Ewwel Qorti, sejra ghalhekk timponi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt (6) xhur li huwa l-minimu li din il-Qorti tista' tordna.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha, tikkonferma l-piena fejn ordnat prigunerija ghal zmien ta' sena sospizi ghal erba' (4) snin li jibdew ghaddejin mill-lum.

Tikkonferma ukoll l-ordni ta' supervizjoni fuq l-akkuzat ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Dan il-perjodu jibda ghaddej mil-lum.

Filwaqt li tikkonferma l-multa kumplessiva ta' tlett'elef u sitt mitt ewro (€3,600), thassar u tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat li l-multa komplessiva ta' tlett'elef u sitt mitt ewro (€3,600) pagabbli ratealment permezz ta' pagamenti ta' mitt ewro (€100) fix-xahar fuq medda ta' 36 xahar tithallas mill-1 t' Marzu, 2019 u minflokk in vista tal-ordni ta' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan li din il-Qorti sejra taghmel, tordna li din il-multa tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' mitt ewro (€100) fix-xahar fuq medda ta' 36 xahar mill-1 ta' Gunju, 2019. B'dan li jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal, ghandu jkun dovut u jithallas.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur